# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Numru : 881/2006 JPG**

**Jeroen Frech (detentur tal-Passaport Olandiz numru NH 4821229) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Ilias Limited ta' Isle of Man u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2008 is-socjeta' S.A.M. Pantaenius Monaco**

**vs**

**MV Elinor TH bastiment registrat taht il-bandiera ta' Bermuda (IMO numru 6614504)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tad-29 ta' Settembru 2006, li jaqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta' attrici Ilias Limited hija proprjetarja tal-bastiment bl-isem 'L' Iliade' registrat fir-registru Ingliz bin-numru ufficjali 710014 hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat* ***Dok. 'A'****;*

2. *Illi ghal dawn l-ahhar xhur il-bastiment 'L' Iliade' kien u ghadu ormeggjat fl Coal Wharf, Marsa hdejn 'floating steel pontoon' minhabba li kienu qed isirulu xi xogholijiet fost l-ohrajn mis-socjeta' Bezzina Ship Repair Yard Limited;*

3. *Illi fil-15 ta' Settembru 2006 cirka fis-sitta u nofs ta' filghaxija (18.30) l-bastirnent konvenut MV 'Elinor TH' kien qed jaghmel xi manuvri fil-vicinanzi tal-bastiment 'L' Iliade' u waqt l-istess manuvri kkawza incident billi baqgha diehel gol-bastiment 'l 'Iliade', li kien ormeggat;*

4. *Illi bill-kollizjoni l-bastiment MV 'Elinor TH' ikkawza hsarat konsiderevoli lill-bastiment 'L' Iliade' u l-istess bastiment 'L' Iliade' laqghat bastiment iehor bl-isem MV 'Ocean Lynx' registrat f'Malta li kien ormeggiat ukoll fil-vicinanzi;*

5. *Illi dan l-incident sehh unikament tort u htija b' negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti fil-materja da parti tal-konvenut;*

6. *IIli konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici soffriet u qeghda ssofri danni ingenti, inkluz spejjez ta' riparazzjoni ghall-hsarat kawzati fuq il-bastiment 'L' Iliade' u spejjez relatati mal-istess, pagi u spejjez tal-ekwipagg u l-kaptan sakemm isiru x-xogholijiet ta' riparazjoni, u f'telf ta' qliegh u spejjez ohra kawzati mill-permanenza tal-bastiment f'Malta li ghaldaqstant mhux ser ikun jista jlahhaq mal-impenji li kellu barra minn Malta;*

7. *Illi s-socjeta' attrici gia talbet lill-konvenut sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni, zzda l-konvenut baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

8. *Illi dawn il-fatti, l-esponenti jaflrom huwa personalment.*

*Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident tal-15 ta' Settembru 2006 hawn fuq imsemmi u ghad-danni kollha kkagunati lis-socjeta attrici in konsegwenza tal-istess incident;*

2. *Tillikwida, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, d-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici per konsegwenza tal-incident fuq deskritt;*

3. *Tikkundanna u tordna lill-konvenut, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, thallas lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Impediment ta' tluq ta' Bastiment Numru 1409/06 u mandat ta' Qbid numru 1410/06 li gew prezentati mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Settembru 2006, u bl-imghaxijiet kompensattivi sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni"*

Rat ir-risposta tal-bastiment MV Elinor TH tat-30 ta'Jannar 2007 (a fol. 37) li taqra hekk:

1. *"Illi l-incident mertu ta' din il-kontensjoni ma huwiex tort unikament ta' l-esponent;*

2. *Illi kien hemm negligenza kontributorja da parti tar-rikorrenti u ghalhekk l-esponent ma ghandux ibati d-danni kawzati lill-bastiment fl-intier taghhom;*

3. *Illi t-talba ghal danni konsistenti f'pagi, spejjes ta' l-ekwipagg, u l-kaptan, telf ta' qliegh u spejjes ohra hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi l-esponent ma ghandux ibati spejjes ta' dana l-gudizzju stante illi ried ihallas id-danni reali kif subiti mir-rikorrent, izda t-talba kienet esagerata.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri,"*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-26 ta' Gunju 2007 (a fol. 73) fejn innominat lil John C. Gafa' bhala espert tekniku;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-31 ta' Lulju 2007 (a fol. 85) fejn issostitwixxiet in-nomina tal-espert tekniku ta' John C. Gafa' bis-Sur Daniel Grima;

Rat id-digriet tat-12 ta' Marzu 2008 fejn il-Qorti kif diversament preseduta fuq talba tal-partijiet issostitwiet lill-espert precedenti u nnominat lis-Sur Joe Amato (a fol. 206);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-16 ta' Frar 2010 (a fol. 213) fejn innominat lil Kurt Gutridge;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-6 ta' Lulju 2010 (a fol. 219) fejn issostitwixxiet in-nomina ta' Kurt Gutridge, bil-Kaptan Mario Grech;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-5 t'April 2011 li ddefferiet il-kawza Sine Die (a fol. 222);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-3 ta' Mejju 2011 fejn regghet irriappuntat l-kawza (a fol. 224);

Rat ir-relazzjoni tal-Kaptan Mario Grech prezentat fit-2 t'April 2014 u mahluf fit-23 ta' Settembru 2014 (a fol.. 251 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet ta' Jeroen Frech et noe (a fol. 321 et seq.);

Rat ir-risposta tal-Kaptan Mario Grech Espert Tekniku prezentata u mahlufa fil-21 ta' Jannar 2015, bid-domandi in eskussjoni minn Dr. Patrick Valentino ghall-konvneut (a fol. 338 et seq);

Rat in-nota responsiva tal-bastiment MV Elinor TH tal-5 ta'Gunju 2015 (a fol. 345 et seq.);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattzzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Michael Kurtz**, prodott mir-rikorrent, permezz ta' affidavit a fol 75 – 77 tal-process xehed, illi huwa l-*general executive manager* ta' S.A.M. Pantaenius Monaco li hija *yacht insurance brokerage company*. Il-bastiment L'Iliade tas-socjeta Ilias Limited huwa assikurat ma' S.A.M. Pantaenius Monaco mis-17 ta' Gunju 2005, taht il-polza ta' assikurazzjoni numru 80385288-77.

Fis-16 ta' Frar 2006, Jeroen Frech a nom ta' Ilias Limited innotifikaw b'kollizjoni li fihom kienet involuta L'Iliade li sehhet fil-15 ta' Settembru 2006 meta kien qieghed sorgut f'Coal Wharf, Marsa waqt li kienu qed isiru xi xogholijiet fuqu. Mill-informazzjoni moghtija minn Frech u *survey report* li sar minn *surveyor* appuntat minnhom, L'Iliade kien intlaqat minn bastiment iehor, u cioe MV Elinor TH waqt li dan il-bastiment kien hiereg mill-kuccetta tieghu. Kienet infethet *claim* minn Frech a nom ta' L'Ilias Limited.

Kienu gie appuntat Eng. Paul Cardona biex jispezzjona L'Iliade biex jipprovdihom b'*survey report* fir-rigward tad-danni li Mv Elinor TH kien ikkawza f' L'Iliade. Minn dan ir-rapport irrizulta li d-danni kienu konsiderevoli u jammontaw ghas-somma ta' circa Lm18,254, somma bbazata fuq stima moghtija minn Bezzina Ship Repair Yard Limited. Ghalhekk, fil-31 ta' Ottubru 2006 ghaddew lil Frech is-somma ta' €15,000. Meta mbaghad recevew konferma mis-*surveyor* illi x-xogholijiet ta' tiswija kienu saru, hallsu l-bilanc rimanenti, wara li tnaqset is-somma ta' €8,750, rapprezentanti il-*policy deductible*. L-interessi ta' Ilias Limited fis-somom mhallsa lilha gew ghalhekk issurrogati lil S.A.M. Pantaenius, li ghandha interess tirkupra is-somma zborsata minnha mill-intimat f'din il-kawza.

Frech kien informa lil S.A.M. Pantaenius illi kien qed jipprova jirrisolvi l-kwistjoni bonarjament ma' Paul Attard, li kien prezenta ruhhu bhala sid il-bastiment MV Elinor TH. Dan in-negozjati pero fallew minhabba li ma kienx hemm qbil fuq il-quantum. Huma kienu staqsew lil Frech ghal informazzjoni dwar min kien is-sid ta' MV Elinor TH, izda Frech kellu diffikolta jsib din l-informazzjoni. Huma ghamlu r-ricerka

taghhom u sabu illi la Attard u lanqas il-kumpaniji li semma ma huma rregistrati bhala s-sidien ta' MV Elinor TH, u li l-bastiment ma kienx assikurat u ma kienx *in class*. Ghalhekk huwa taw struzzjonijiet lil Frech biex jintavola proceduri kontra MV Elinor TH a nom tas-socjeta assikurata Ilias Limited.

**Jereon Frech**, li xehed permezz ta' affidavit ezebit a fol 88 – 99 tal-process xehed illi meta sehh l-incident L'Iliade kienet qieghda ghand Bezzina Ship Repair Yard Limited, f'Coal Wharf, Marsa, fejn kienu qed isirulha xi tiswijiet. Fuq in-naha *portside* ta' L'Iliade kien hemm *motor vessel* bl-isem Ocean Lynx u fuq in-naha *stern* ta' L-Iliade, xi hamsa u ghoxrin metru l-isfel, kien hemm il-bastiment MV Elinor TH.

Huwa kien fuq L'Iliade sa xi l-hamsa u kwart ta' wara nofsinhar. Hu u l-bqija tal-*crew* irritornaw lura fuq L'Iliade ghal xi tmienja ta' filghaxija. Meta telghu abbord innotaw li d-*deck* ta' L'Iliade kien imxarab bl-ilma bahar u li L'Iliade kellha diversi hsarat. Huwa mar jirraporta b'dan immedjatament lil *watchman* ta' Bezzina Ship Repair Yard Limited, li qallu li hu kienu ilu ghassa mis-sitta u nofs ta' filghaxija u ma kien ra xejn. Ghalhekk il-*watchman* ikkuntatja lis-sid ta' Bezzina Ship Repair Yard, Victor Bezzina, li nforma lil Frech li huwa kien qieghed hemmhekk meta gara l-incident u li kien il-bastiment MV Elinor TH li kkawza l-hsara li kien hemm f' L'Iliade, waqt li kienet hierga mill-berth bl-ghajnuna ta' pilota ufficjali. Bezzina qallu wkoll illi dan il-pilota kien ghamel rapport dwar l-incident.

L-ghada, 16 ta' Settembru 2006, saret spezzjoni tal-hsarat sofferti minn L'Iliade u Ocean Lynx, mis-*surveyor* Paul Cardona, li kien appuntant mill-kumpanija tal-assikurazzjoni Pantaenius. Paul Attard kien prezenti ghal din l-ispezzjoni, u din kienet l-ewwel darba li ltaqa mieghu. Attard ammetta mieghu ir-responsabbilita ta' MV Elinor ghall-incident u li kienet filfatt l-MV Elinor li laqghtet lil L'Iliade. Huwa talab lil Attard biex jaghtih kopja tad-dokumenti tal-assikurazzjoni tal-official "boat registry papers". Attard mbaghad kien baghat dokument lil Victor Bezzina permezz ta' *email,* li huwa ghadda lil Frech. Skont dan id-dokument Medpatron Ltd rregistrata f'Limmasol, Cipru hija s-sid ta' Elinor TH. Minn xi ricerka li saret minn Michelle Draper irrizulta li f'Cipru ma kienx hemm kumpanija attiva bl-isem ta' Medpatron Ltd. imnizzla fuq ir-registru Cipriot, izda biss socjeta bl-isem Medpatron Shipping Ltd li ma kellha l-ebda attivita'.

Dak iz-zmien MC Elinor TH ma kienetx qieghda Malta, peress illi telqet fil-15 ta' Settembru stess fuq xi xoghol kummercjali barra mill-ibhra territorjali Maltin. Attard qallu li kienet ser tirritorna lura fit-18 ta' Settembru. Meta fit-18 ta' Settembru Mv Elinor kienet ghada ma rritornatx lura, Frech talab lil Attard ghad-dokumenti tar-registrazzjoni tal-bastiment, izda dan kien ghal xejn. Ghalhekk huwa kien talab parir legali, u l-avukat tieghu kien talab lil Attard biex jattendi laqgha u biex iforni kopja tad-dokumenti relattivi ghal MV Elinor TH. Pero Attard kien irrifjuta kemm li ssir laqgha u kif ukoll li jforni d-dokumenti mitluba. Ghalhekk kienu iddeciedew li jipprezentaw mandat ta' arrest ta' bastiment u mandat ta' qbid direttament kontra MV Elinor TH, fil-21 ta' Settembr u 2006, li kienu gew ezegwiti l-ghada. Wara l-arrest saret laqgha ma' Attard u l-avukat tieghu sabiex jipprovaw jittransigu. Dan pero kien ta' xejn ghaliex Attard irrifjuta li jhallas id-danni sofferti mill-L'Iliade u l-ispejjez inkorsi minn Ilias Limited minhabba x-xogholijiet ta' tiswija u loss of earnings. Barra minn hekk huma gew provduti f'kopja ta' dokumenti antiki, skont liema, Attard ma kienx is-sid ta' Mv Elinor TH.

Kompla billi spjega x'kienu l-ispejjez u d-danni li kienu qed jigu pretezi, li huwa qasam f'sebgha kategoriji:

1. **Pagamenti maghmula lil Bezzina Ship Yard Repair Limited:** Kif jidher mill- invoice datata 14 ta' Settembru 2006, l-ispiza finali ghat-tiswija dovuta lil Bezzina Ship Yard Repair Limited kienet ta' Lm18,245.00 (**€42,430.2**3). Minn din is-somma, is-socjeta Iliad Limited hallset €8,750 direttament, u l-bqija giet imhallsa mill-kumpanija assikuratrici Pantaenius.

Fil-mandati gie indikat l-ammont ta' Lm40,000 peress illi is-*surveyor* kien tahom stima ta' Lm25,000 ghax-xogholijiet ta' tiswija, u Lm15,000 ghall-ispejjez biex tinfetah il-kawza, telf ta' profitti, u spejjez ohra.

2. **Pagamenti ohra relatati ma xogholijiet ta' tiswija**: Dawn jinvolvu s-somma ta' Lm425 ghal *layer* ta' *antifouling* u s-somma ta' Lm73 ghas-servizzi ta' dawk u ilma waqt li L'Iliade kienet qieghda ghand Bezzina Ship Repair Yard biex isiru t-tiswijiet kkagunati mill-incident, b'total ta' Lm498 (**€1158.13**).

3. **Tiswijiet li ghad iridu jsiru**: Dawn huma skont il-*quotation* datata 21 ta' Marzu 2007, annessa mal-affidavit u mmarkata bhala Dok JF29, li jinvolvu t-tiswija tal-*interior lining* tas-salon, liema tiswija ghandha ssir bejn il-perjodu tas-sajf u x-xitwa biex L'Iliade ma titlifx iktar *charters*. Skont il-*quotation,* din is-tiswija ghandha tiswa **€3,010.36**.

4. **Akkomodazzjoni u spejjez ohra inkorsi minhabba id-*delayed stay* f'Malta**: L-incident sehh fil-15 ta' Settembru 2006, u L'Iliade gie relaxxat wara li affetwa l-hlas finali fl-20 ta' Dicembru 2006, u ghalhekk kien hemm dewmien ta' ftit iktar minn tliet xhur. L'Iliade topera bi *crew* ta' tlieta minn nies, li ssoltu jghixu abbord. Waqt li kienu qed isiru t-tiswijiet ma setghux joqoghdu abbord L'Iliade pero u ghalhekk kienu qed joqghodu f'appartamenti f'Malta L-arrangament kien li Ilias Limited thallas l-ispejjez tal-akkomodazzjoni tal-*iskipper* u t-tfajla tieghu u l-*first mate*, il-mara u t-tifel taghhom, u fir-rigward tad-*deckhand*, Ilias Limited kienet thallas ghal flight lura Poland kull xahrejn ghal gimgha.

- Ghal akkomodazzjoni tal-*iskipper*, Ilias Limited kienet thallas Lm225 fix-xahar, oltre Lm30 fix-xahar ghad-dawl u ilma.
- Ghal akkomodazzjoni tal-first mate, kienet thallas Lm150 fix-xahar, oltre Lm30 fix-xahar ghad-dawl u ilma.
- Ghal *flights* tad-*deckhand* kienet thallas Lm100 fix-xahar.
- Ilias Limited hallset ukoll €900 fix-xahar ghall-ikel tal-*crew*.
- Hallset ukoll ghal-kiri ta' zewg karozzi ghall-*iskipper* u l-first mate, ghas-somma ta' Lm260 fix-xahar, oltre Lm120, fix-xahar ghal fuel.
- Kienet qed thallas ukoll il-pagi tal-*crew*, u cioe €3,500 fix-xahar ghas-*skipper*, u medja ta' €2,500 kull wiehed ghal-*first mate*, *deck hand* u d-*day workers*.
- Il-kumpanija kellha thallas ukoll sabiex l-*iskipper* imur Franza biex jaghmel l-arrangamenti ghar-refit ta' L'Iliade. Ghalhekk il-kumpanija nefqet is-somma ta'
- €1,410.66 ghall-ispejjez ta' vjaggar, akkomodazzjoni u kiri ta' karozza ghall-*iskipper* waqt li kien qieghed Nice.

5. **Spejjez ohrajn ikkawzati minhabba d-dewmien f'Malta**: Minhabba d-dewmien f'Malta ikkawzat mill-incident, L'Iliade kellha toqoghod Toulon fi zmien fejn il-mizati jkunu aktar gholjin, u ghalhekk fi zmien fejn issoltu kienu tkun qieghda f'Cannes, li huwa irhas, u ghalhekk inkorriet spejjez zejda ta' €473.10. Barra minn hekk, Ilias Limited kellha wkoll thallas *storage fee* tal-main masts, fis-somma ta' €600. It-total tal-ispejjez taht dan il-kap huwa ghalhekk ta' **€1073.10**.

6. **Telf ta' qliegh minhabba kancellament ta' *charters***: L'Iliade kellhu tlett *charters* ikkonfermati waqt il-Mipim Festival f'Marzu 2007, li gew ikancellati f'telf ta' qliegh fis-somma ta' **€11,000**.

7. **"Total time delay factor calculation"**: Frech spjega illi sakemm L'Iliade kienet qed tigi msewwija ma setghatx topera u ghalhekk kienet qed tinkorri telf finanzjarju. Spjega illi kkalkulat fuq bazi ta' sena tajba ta' *chartering*, L'Iliade soffriet telf finanzjarju ta' cirka €20,547.95 net fix-xahar. Filwaqt li ikkalkulat fuq *'break even situation'* L'Iliade soffriet telf finanzjarju ta' €12,328.80. Huwa spjega illi l-iktar klijenti mportanti ta' L'Iliade huma dawk il-kumpanija li jaghmlu booking waqt il-*festival* ta' Cannes, u li b'dawn il-klijenti, u xi bookings waqt zewg regattas importanti huma bizzejjed biex L'Iliade tkun fi *'break even situation*.' Qal li bi ftit sforz mill-agenti, L'Iliade tista' tigi chartered ghal cirka mitt gurnata fis-sena. Spjega illi f' Dicembru L'Iliade ma setghatx tigi *chartered* waqt il-Milied, lanqas ghal regatta li hija organizzata kull sena f'Saint Tropez u lanqas ghal stagun tax-xitwa shih fil-Bahar l-Ahmar jew fil-Karibew.

**Paul Cardona**, prodott mir-rikorrent, xehed a fol 254 – 256, illi huwa inginier li ilu jippratika fil-marittimu ghal hafna snin, u kien gie mqabbad mis-socjeta tal-assikurazzjoni Pantaenius sabiex jikkonstata l-hsara li garbet L'Iliade wara li intlaqghtet minn MV Elinor TH. Huwa ghamel *survey* u hareg rapport preliminari fis-26 ta' Ottubru 2006 (Dok JF5), li kien fih bizejjed dettal ghall-assikurazzjoni u allura ma kienx hemm il-bzonn illi jaghmel iehor. Fit-18 ta' Dicembru 2006 huwa kien baghat *email* lil Pantaenius sabiex jghidilhom illi x-xogholijiet kienu tlestew u li kien hemm bzonn li jsir hlas immedjat ghaliex sid L'Iliade ma kellux il-flus biex ihallas

ghalihom. Qal illi qatt ma kellhu xoghol iehor fuq L'Iliade. Mistoqsi kif ikkonstata l-hsarat, wiegeb illi ghamel dan permezz ta' *survey*.

Spjega li meta L'Iliade inltaghet mill-MV Elinor TH din giet maghfusa fuq naha minn MV Elinor TH u fuq naha ohra minn Ocean Lynx. Minhabba f'hekk, il-fili nqalghu wara li l-*yacht* kien diga mizbugh u dan barra li kien hemm diveri hsarat ohra jew ghax kien hemm kuntatt mal-MV Elinor jew ghax hakk b'certu sahha ma' Ocean Lynx.

Huwa talab kwotazzjoni minghand Bezzina, ezaminha u indika lil principal tieghu illi din kienet accettabli, tenut kont tat-tip ta' *yacht* u x-xoghol li kellhu jsir. It-tiswijiet bdew ftit wara l-incident. Meta sar is-*survey* kien hemm Victor Bezzina u Charles Busuttil minn naha ta' Bezzina, is-sid ta' L'Iliade u Paul Attard u Chris Micallef minn naha tal-Elinor TH.

In kontro-ezami qal li huwa ra il-bastiment l-ghada tal-incident, fejn it-tlett bastiment kienu ghadhom marbutin vicin ras il-*floating deck*. Qal li ma jiftakarx kif kien marbut L'Iliade ma' l-Ocean Lynx u ma jiftakar jekk kienx hemm *fenders*. Qal li f'din il-parti tal-port ma jidholx caqliq izda xorta wahda hi usanza li jintuzaw il-*fenders* fejn bastimenti jkunu marbuta flimkien. Qal li t-tiswija kellha ssir fil-bacir minhabba li kien hemm bzonn xoghol ta' zebgha. Qal ukoll li qabel l-incident, l-*finish* ta' L'Iliade kien ta' *'good quality yacht finish'* u li z-zebgha kienet ghada friska, ta' gimghat jew ftit xhur qabel. Qal li taht l-ilma ma sarux hsarat. Rigward hsarat fuq id-*deck* qal li kien hemm hsarat in-naha tal-poppa u ukoll fil-bardnell. Barra min hekk, fi zmien l-incident kien hemm *shipwrighrs* Polakki qieghdin jaghmlu *deck* tat-*teak* gdid fuq *marine plywood* li xxarrab bl-ilma bahar mill-*cooling water* tal-MV Elinor TH.

**Pierre Balzan**, prodott mir-rikorrent, xehed permezz ta' affidavit a fol 260 – 261 illi huwa direttur tal-kumpanija Melita Marine Limited li tiehu hsieb l-operat ta' L'Iliade. Huwa direttur ukoll tas-socjetajiet Melita Yacht Painters u Melita Powered Diesel illi jiehu hsieb ix-xoghol ta' zebgha u x-xoghol fil-magna ta' L'Iliade. Ftakar li meta meta L'Iliade kienet Malta ghal xi xogholijiet f'Settembru tal-2008, Frech kien qallu li wara li jitlestew ix-xogholijiet L'Iliade kellha xi *charters* ibbukjati.

Xhed illi waqt li L'Iliade kienet qieghda Malta ghax-xogholijiet qabel l-incident, l-ekwipagg ma kienux qeghdin abbord il-*yacht*, izda kienu joqghodu f'appartament f'San Giljan u kienu jahdmu fuq il-*yacht* matul il-gurnata.

Ftit sieghat wara l-incident tal-15 ta' Settembru 2006, kien cempillu Frech biex jinformah dwar l-incident. L-ghada kien mar fuq il-post, u kien hemm ukoll Victor Bezzina, u Paul Cardona. Paul Cardona kien ezamina d-danni ghall-kumpanija assikuratrici u hu u Bezzina kienu ezaminaw id-danni ghalihom. Id-danni li ra b'ghajnejh kienu fil-*bow port side, caping rail bow sprit, port side bow area, mariginal boards,* fil-*bulwark* u grif varji fl-istess zoni, fejn kien hemm danni sa nofs il-*yacht*. Qal li mill-ewwel induna li t-tiswijiet kienu ser jiehdu certu zmien.

Dakinhar stess Cardona kien iddeskriva x-xogholijiet ta' tiswija li kellhom isiru u kien idderiga lil Bezzina sabiex jikkordina maghhom fuq kif kellu jsir ix-xoghol. Qal li z-zebgha li ntuzat wara l-incident hija l-istess bhal dik li intuzat qabel, u cioe zebgha 'Awl Grip' li hija tip ta' specialised topcoat *yacht* application paint. Dawn ix-xogholijiet ta' zebgha kellhom isiru barra mill-ilma, bhal ma jigri f'kull opra ta' bahar ohra, specjalment meta din tkun tal-injam bhal L'Iliade.

**Paul Attard** xehed a fol 262 – 264 illi huwa sid il-bastiment Elinor TH li kien sorgot Bezzina Ship Repair Yard. Qal li ma jafx kemm kienu ilu hemm L'Iliad, imma forsi xi xaharejn jew tlieta. Qal li L'Iliad ma kellux *fenders* barra tnejn fuq star board side. Qal li marbut poppa l-art, biswit *pontoon*.

Huwa kien prezenti meta gara l-incident. Waqt li MV Elinor TH kienet qed timmanuvra kien hemm kemmxejn rih qawwi minn fuq il-port quarter. Ghalhekk meta telaw l-i*stern ropes*, hadu r-rih u strah mal-Ocean Lynx, u strah ma' L'Iliad. Wara dan il-kaptan ddritta l-bastiment MV Elinor TH, qala minn ma L'Iliad u salpa. Fuq L'Iliad u fil-vicinanzi ma kien hemm hadd, u ghalhekk mar jinforma lil Victor Bezzina dwar dak li kien gara.

Qal li kien sar jaf li L'Iliad ma setghatx titlaq ghax kellu xi kontijiet pendenti li kienu ghadhom ma thallsux. Qal li huwa kien iltaqa mas-sid u l-ewwel darba kienu ftehmu li kien Lm3,000 spejjez, izda mbaghad ma ftehmux u ghalhekk bdiet din il-kawza.

Huwa kien inkariga lil Vincent Muscat sabiex jispezzjona l-hsarat ta' L'Iliade u jhejji rapport (Dok PA2). Qal li huwa ma giex informat mill-kaptan ta' L'Iliade dwar ix-xogholijiet li kienu qed isiru fuqu, pero osserva illi tellawh fil-bacir, nadfulu l-qiegh, ghamlulu *cover* mieghu kollu, qaxxru z-zebgha u gabuh injam, qalftuh kollu z-zewg nahat minn quddiem sa wara, reggha nzebagh u wehel it-tmun.Zied li L'Iliade qatt ma kien moghti bil-*plastic* qabel l-incident. Ix-xoghol tal-injam sar minn certu Joseph Azzopardi li jista' jikkonferma li x-xoghol tal-injam li sar ma kellu xejn x'jaqsam mal-incident.

In kontro-ezami, a fol 293 – 294, ikkonferma illi l-incident sehh meta l-MV Elinor TH dahal gol-*yacht* L'Iliade waqt li kien qieghed  isalpa, u li L'Ilade kien marbut. Gie muri r-ritratti mmarkati serje JF12 u kkonferma l-hsara I kienet tidher minn barra. Qal li meta l-MV Elinor startja l-bow *thruster* biex jitfa lejn *starboard* dan kellu malfunction u baqa' jitfa fuq *starboard* fejn imbaghad iz-zaqq tan-naha ta' *starboard* ta' Elinor laqtet il-*port bow* ta' L'Iliade.

Xehed illi dak iz-zmien MV Elinor TH, li kienet ittajjar il-bandiera ta' Bermuda, kienet proprjeta tas-socjeta Malta Shipping, li kienet kumpanija tieghu. Mistqosi jekk il-bastiment kienx fi klassi wiegeb li kien mal-American Colombus u kellha tliet certifikati, u cioe *Seaworthiness Certificate*, *Certificate of Registry* u *Cargo Ship Radio Certificate*, obbliga ruhhu li jipprezenta kopja taghhom. Qal li ma jiftakarx meta kien xtara l-bastiment. Mistqosi jekk il-klassi kienetx giet *withdrawn*, wiegeb fin-negattiv u rrisponda wkoll li l-klassi m'hijiex rikjesta ghal bastiment bhal ma hu l-MV Elinor TH.

Ma ftakarx lanqas ma min kien assikurat il-bastiment u obbliga ruhhu li jipprezenta kopja tal-polza tal-assikurazzjoni. Qal li l-assikurazzjoni ma kienx involviha biex ma jghollix il-premium u li ghalhekk anke l-garanzija kien hallas hu. Mistqosi ghalfejn kien qabbad lil Inginier Vincent Muscat biex jaghmel *survey,* qal li ma kienx hass il-bzonn izda dik hi l-prattika. Qal li ma saritx spezzjoni fil-prezenza ta' Guze Azzopardi. Fir-rigward l-allegazzjoni li x-xoghol kollu li ghamel Azzopardi ma kellux x'jaqsam mal-incident, ikkonferma dan, eccetto x-xoghol li kellu x'jaqsam mal-*cleat* u l-*bow sprite*. Mistqosi kif wasal ghal din il-konkluzjoni, qal li hu kien ikun fl-inhawi

fejn kienu qed isiru t-tiswijiet u kien gie informat minn Joseph Azzopardi stess. Qal li L'Iliade ma setghax kien lest biex isalpa ghaliex lanqas l-arblu ma kellu mwahhal.

**Vincent Muscat**, prodott mill-intimat, xehed a fol 285 – 286, illi huwa kien gie mqabbad minn sid l-MV Elinor TH, u cioe Paul Attard, sabiex jaghmel spezzjoni u rapport dwar habta bejn l-MV Elinor TH u L'Iliade. Din l-ispezzjoni ghamilha l-gurnata ta' wara li sehh l-incident. Qal li L-Iliad ma kellux *fenders* fuq in-naha tal-bahar, u li fuq in-naha *starboard* kellu l-impressjoni li ma kienx hemm *fenders* bizzejjed ghaliex deherlu li kien hemm wiehed fin-nofs biss. Qal li L'Iliad kienet moghtija totalment u kienu qed isiru xi xogholijiet estensivi fuqha. Waqt l-*inspection* tal-L'Iliade nnota li arblu ma kienx mwahhal. Qal li meta attenda, ma kienx hemm xogholijiet ghaddejnin fuq L'Iliade, u tax-*shipyard* qalulu li dan kien biex itella nies izjed. Qal li d-*deck* kien qed jidbiddel pero ma kienx jaf f'liema stadju waslu u li z-zebgha kienet tajba u intact u kienet qisha giet applikata ricentement. Huwa ikkonferma l-hsarat ikkonstatati fir-rapport tieghu ezebit u mmarkat bhala Dok PA2.

In kontro-ezami, a fol 299 – 301, mistqosi b'referenza ghar rapport tieghu fejn jitkellem dwar danni li setgha kien hemm qabel l-incident, jekk jaqbilx illi dawn id-danni kienu fl-istess zoni tal-incident u allura forsi din il-hsara kienet trangat u reghat harget minhabba l-incident, wiegeb illi jaqbel.

Rigward dak li qal fir-rapport tieghu li li kieku kien hemm izjed *fenders* x'aktarx id-danni ma kienux ikunu daqshekk sostanzjali, wiegeb illi ghalkemm huwa minnu li ma kienx hemm meta gara l-incident, din l-informazzjoni kien hada minghand niesu li kienu prezenti li jidhirlu kienu s-*shipwright* u n-nies tax-*shipyard* u l-kaptan ta' L'Iliade stess. Qabel illi nonostante li kien hemm il-*fenders* mal-*pontoon*, xorta wahda saret il-hsara minhabba l-pressjoni li kien hemm tal-Elinor TH. Qabel illi mill-hsara, jidher li MV Elinot TH inqalghat minn ma L'Iliade bil-*momentum* stess. Qal ukoll illi ma kienx hemm sinjali ta' tkaxkir.

Muscat sostna li l-istimi li nizzel f'dan ir-rapport kien gabhom minghand is-*shipyard* u minghand Mario Aquilina li kien ghamel xoghol ta' tiswija. Qal li din l-istima kienet tkopri biss id-danni elenkati fir-rapport tieghu u li din l-istima hija *provisional* ghaliex ma kienetx tiehu in konsiderazzjoni xi hsarat ohra li jista' jkun hemm jew xi *panelling*

li ma kienux qalghu. MA eskludix illi l-figura stimata minnu tista' tghola. Qal li l-involviment tieghu spicca wara li lesta r-rapport.

**Joseph Azzopardi**, prodott mill-intimat, xehed a fol 288 – 289 illi fl-2006 il-kumpanija tieghu kienet ghamlet xi xogholijiet fuq L'Iliade. Dawn il-hsarat kienu:

- hsarat *port side* parti mill-partiketta, u huma nehhew il-hsara u ghamluha gdida;
- fil-*bow sprite*, few saffew il-hsara u sewwewha;
- fuq in-naha tal-*port side*, kif ukoll ta' *star board* kien hemm hafna ftuq ta' kumenti u kumenti miftuhin. Huwa kien gibed l-attenzjoni ta' Paul Cardona illi din il-hsara ma kienetx saret bid-daqqa izda bic-caqlieq ta' injam gdid li kien inbidel ricentement.
- Ghamlu wkoll xi tiswijiet fuq *cleat* il-poppa.

Huwa wettaq t-tiswijiet tul hmistax jew tliet gimghat, bi tnejn min-nies bi hlas ta' Lm10 is-siegha. Mistqosi jekk kienx hemm iktar hsarat fuq l-i*starboard* side ta' L'Iliad qal li kien hemm xi grif. Mistoqsi f'liema stat kien L'Iliad qal li dan kien sarlu *major refit* ghaliex bidlulu l-injam kollu tax-shipside u anke d-*deck* u kien mizbugh bil-lest minn barra.

In kontro-ezami a fol 291 – 292, meta gie mistoqsi dwar il-kumpanija li semma, qal li din m'hijiex registrata bhala kumpanija, izda jahdem ghal rasu taht it-*trade name* G. Azzopardi Boatbuilders, u fiz-zmien ta' meta sar ix-xoghol fuq L'Iliade, hu kien il-principal. Qal li m'ghandux kwalifika professjonali per se pero ghandu hamsin sena esperjenza fix-xoghol tal-injam. Huwa kien gie imqabbad jaghmel x-xoghol minn Bezzina Ship Repair Yard. Sostna li l-ewwel darba li kien issejjah, kien hemm Paul Cardona fuq L'Iliade u L'Iliade kienet fuq il-*floating dock*. Ma kien hemm hadd iktar apparti l-Inginier Cardona. Meta tela abbord kien diga gie nkarigat mix-xoghol.

Rigward ix-xoghol li jidher fuq Dok JF7, qal li dan mhux kollu sar bl-incident, izda kien hemm xi caqlieq ta' injam gdid. Qal li ma kienx jiftakar kemm kien il-kont tieghu, izda l-kont kien jinkludi il-materjal kif ukoll il-mano d'opera.

**Ikkonsidrat:**

Il-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti tirrigwarda allegat hsara li sehhet fil-15 ta' Settembru 2006 ghal habta tas-sitta ta' fil-ghaxija fuq il-*yacht* L’ILIADE wara li dan intalaqat mill-vapur M.V. ELINOR TH, meta dan tal-ahhar kien qed jimmanuvra min fuq l-irmigg tieghu fiz-zona ta’ Bezzina Ship Repair Yard, il-Marsa, biex isalpa.

Il-*yacht* L'ILIADE li hu twil 20.75m hu mibni fl-1935,registrat taht bandiera Ingliza fil-port ta Cowes b’numru ufficjali 710074. Hu *yacht* ta' still klassiku li jintuza mis-sidien tieghu ghal-*charters*. Kien jintuza ukoll ghall-partecipazzjoni f”regattas li jigu organizzati ghall-*yachts* klassici.

Il-*yacht* kien gie Malta f'Dicembru 2005 biex isirulu xogholijiet ta’manutenzjoni u tiswijiet estensivi, liema xogholijiet kienu qed isiru ghand Bezzina Ship Repair Yard (BSRY), il-Marsa u li skond il-kaptan tieghu Jeroen Frech, kellhom jitkomplew ghal nofs Ottubru 2006. Ghalkemm il-*yacht* kien qed isewwi ghand BSRY, mix-xhieda ma jirrizultax li kien hemm xi kuntratt formali bejn BSRY u s-sidien tal-L’ILIADE li jkopri dawn it-tiswijiet tant li s-sidiejn tal-*yacht* setghu jghamlu uzu dirett min “*subcontractors*”, kif fil-fatt ghamlu ghal diversi xogholijiet.

Fil-gurnata tal-incident cioe' fil-15 ta' Settembru 2006, l-L'ILIADE kien marbut poppa l-art fejn kellu cimi mil-pruwa ghal fuq baga, erba cimi ghal fuq il-barkun biswit fuq in-naha ta' *starboard* tieghu, u kif ukoll xi cimi ukoll mill-poppa ghall-art. Skond ix-xhieda tal-Kaptan Jeroen Frech rrizulta li l-*yacht* kellu erba *fenders* fuq in-naha ta' *starboard* bejnu u l-barkun, liema stqarrija giet michuda mid-difiza. L'ILIADE ma kellu l-ebda *fender* fuq in-naha tal-bahar, cioe fuq in-naha ta’port tieghu.

Xi distanza fuq in-naha ta' port tal-L'ILIADE, kien hemm marbut ukoll il vapur MV ELINOR TH b’ankra wahda il-pruwa u poppa l-art. Kien hemm ukoll il-lanca OCEAN LYNX (tul circa 12m) marbuta *alongside* mal-moll bejn il-poppa tal-L'ILIADE u il-poppa tal-ELINOR TH.

L-ELINOR TH hu vapur zghir (tul 47.96m, Gross Tonnage 959) registrat il-Bermuda li kien propjeta tal-kumpanija Malta Shipping Limited liema kumpanija hija 100% propjeta'ta Paul Attard. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Paul Attard fejn qal li l-vapur kien tieghu stess. Dan qed jighad peress li skond id-dokument tar-registrazzjoni tal-ELINOR TH ipprezentat fil-process, jirrizulta li dan il-bastiment kien ghadhom jidhru bhala sidien l'International Marine Services Co. Ltd., ta' IMSCO House, Southtown Road, Great Yarmouth, Renju Unit. Jista'jkun li l-kopja tar-registru pprezentata fil-process minn Jeroen Frech (kaptan tal-L'ILIADE) mhix aggornata, jew li ufficjalment, it-*transfer* kien ghadu ma sarx. Il-fatt jibqa li ghalkemm forsi d-dokumenti ma kienux aggornati, **Paul Attard fix-xhieda tieghu stqarr li l-vapur ELINOR TH kien tieghu.**

Skond ic-certifikat tar-registru l-ELINOR TH, hu deskritt bhala "Mothership for Submersibles" li ghandu Gross Tonnage ta' 959, hu twil 47.96m, **fejn b'dawn il-parametri jaqa taht il-konvenzjonijiet tas-SOLAS, tal-LOADLINE kif ukoll tal-MARPOL.**

Dok JF3 (IACS *monthly report of the vessels Class which has been withdrawn*) bid-data tal-31 ta' Dicembru 2005, prezentat mill-attur, juri li l-ELINOR TH kien bi stat "***Class Withdrawn*"**, jigifieri **minghajr klassi**, ghalkemm dan gie michud mis-sid Paul Attard, fejn, fix-xhieda tieghu stqarr li l-bastiment tieghu kien fi klassi mal-American Columbus, ibbazata l-Grecja, izda ma gie pprezentat l-ebda dokument jew certifikat bi prova ta'dan. Stharrig fuq il-*website* ta' American Columbus juri li din mhix *Classification Society* per se, izda kumpanija, jew "*Survey Bureau*" kif imsejha fl'industrija marrittima, fejn barra xoghol ta' konsulenzi, jghamlu xoghol ukoll ta' "*condition surveys*" ghan-nom tal-assikurtazzjonijiet. "*Condition surveys*". Ghalhekk bl-ebda mod ma jista jitqies bhala *Classification Society*.

Barra minn hekk, mix-xhieda **ma jirrizulta l-ebda dokument li juri li l-ELINOR TH kellu c-certifikati mehtiega taht is-SOLAS cioe l-*Cargo Ship Safety Construction Certificate, il-Cargo Ship Safety Equipment***

***Certificate*** **u l-*Cargo Radio certificate*, ic-certifikat tal-Loadline, u c-certifikat tal-MARPOL.** Dawn ic-certifikati normalment johorguhom il-klassi ghan-nom tal-istat

li tieghu il-bastiment itajjar il-bandiera, **haga li l-American Columbus ma' setghetx taghmel** ghax mir-ricerka jirrizulta li din m'ghandiex awtorizzazjoni li tghamel dan mil-bandiera ta' Bermuda. Bastiment li ghandu deskrizzjoni ta' *"Mothership for Submersibles*" **mhux ezentat** milli jigi spezzjonat u certifikat skond il-provvedimenti ta' dawn il-Konvenzjonijiet imsemmija biex ikun jista jsalpa u jopera. Ghalhekk mix-xhieda **jirrizulta li l-bastiment ELINOR TH ma kellux c-certifikati mehtiega biex isalpa.**

Ghalkemm sid l-ELINOR TH,Paul Attard, stqarr fix-xhieda tieghu, li l-bastiment kellu c-certifkati necessarji, u li ukoll kien obliga ruhu li jipprezenta dawn id-dokumenti, **dawn id-dokumenti ma ipprezentahom qatt.**

Qabel sehh l-incident, il-vapur ELINOR TH kien marbut il-Marsa fuq irmigg mikri minghand Bezzina Ship Repair Yard, fejn twettqu tiswijiet u sari l-manutenzjoni ghal perjodu t'aktar minn sena. Il-vapur lesta biex isalpa tard wara nofs in-nhar, fil-15 ta' Settembru 2006. Skond ix-xhieda ta' Paul Attard, li dak il-hin kien fuq il-moll jara l-vapur sejjer, (ghal habta tas-sitta ta' fil-ghaxija), il-vapur beda il-manuvra biex isalpa. L-ELINOR TH kien sorgut fuq ankra wahda il-pruwa u zewg *stern ropes*, wiehed twil u iehor fil-qasir kull naha tal-poppa.

Skond Paul Attard, hekk kif l-ELINOR TH beda il-manuvra u telqu c-cimi t-twal tal-poppa, hadu ir-rih u l-ELINOR TH strah ma' l'OCEAN LYNX u mal-L'ILIADE. Skond is-Sur Attard dak il-hin, ir-rih kien xi ftit qawwi. Waqt il-kontro ezami izda Attard xehed **ukoll li l-vapur kellu hsara fil-*bow thruster*** meta dan baqa jaqdef lejn *starboard* u **kompla jimbotta l-vapur ghal fuq l-L'ILIADE**, ghalkemm din tal-fuzjonalment hazin tal-*bow thruster* ma semmihiex waqt ix-xhieda tieghu.

L-ELINOR TH, peress li kien relattivament imdaqqas meta serrah, ghafas il-*yacht* L'ILIADE ghal fuq il-barkun, fejn rizultat ta' dan, ic-cima tal-pruwa tal-L'ILIADE inqatghu u baqa jghafas fuqu sakemm il-*yacht* imbaghad serrah mal-barkun tal-hadid li kien fuq l-istaboard tieghu (tal-*yacht*). Waqt li sehhet din il-manuvra minhabba il-piz tal-vapur iserrah mal-*yacht,* il-*fairlead* tac-cimi, l-poppa ta' L'ILIADE tqactet minn postha u c-cimi sfaw merhija l-poppa ukoll, fejn rizultat ta' dan, il-poppa tal-

L'ILIADE serrhet ukoll mal-*yacht* OCEAN LYNX. Sussegwentement l-ELINOR TH irnexxielu jinqala minn mal-L'ILIADE u salpa.

Attard kompla jixhed li dak il-hin tal-incident, cioe' l-Gimgha tard wara nofs in-nhar, kemm fuq il-*yacht* L'ILIADE kif ukoll got-tarzna ta' Bezzina, ma kien hemmhadd. Hu cempel lil Victor Bezzina, sid il-Bezzina Ship Repair Yard, fejn infurmah bl-incident li kien jinvolvi zewg bastiment, cioe' L'ILIADE u L'OCEAN LYNX li kienu qed isewwu ghandu. Attard telgha ukoll abbord il-*yacht* L'ILIADE biex jara xi hsara kien garrab il-*yacht* .

Aktar tard dak in-nhar stess il-Kaptan tal-*yacht* L'ILIADE Jeroen Frech ukoll mar abbord fejn ra l-hsara u informa l-assikurazzjoni tieghu b'dan. Dawn imbaghad qabbdu lis-*surveyor* l-Inginier Paul Cardona ghan-nom taghhom, biex ihejji rapport tal-hsara li garrab il-*yacht*. Frech innota li d-dverta fuq in-naha ta' port kienet mxarrba bl'ilma, innota li c-cima tal-pruwa kienet maqtuha u regghet giet marbuta temporanjament, ra hsara fuq il-*bow sprite*, il-capping rail fuq in-naha ta' port, hsara fuq il-*fairlead* tal-poppa kif ukoll hsara fuq zaqq il-*yacht* in-naha ta *starboard* u xi grif fuq maz-zaqq in-naha ta port.

Il-perizja tal-inginier Cardona saret l-ghada 16 ta' Settembru 2006 fejn kienu prezenti l-kaptan Jeroen Frech u s-sur Paul Attard, sid l-ELINOR TH, fejn gew elenkati il-hsarat kif jidhru fir-rapport ta' Cardona, esebit bhala Doc JF6.

Kienet saret ukoll perizja mis-*surveyor* Vincent Muscat fit-23 ta' Settembru 2006 wara li dan gie inkarigat min Paul Attard, sid l-ELINOR TH fejn gew elenkati hsarat kif mnizzla fir-rapport esebit bhala Doc VM1, bid-differenza li dan ir-rapport elenka xi ftit fil-kumenti li inghad li dawn kienu esistenti qabel l-incident u jighad li huma rizultat ta' caqlieq minn injam tal-gheluq gdid li sar kemm il-*yacht* kien ilu jissewwa ghand Bezzina, liema xoghol skond ix-*shipwright* Joseph Azzopardi kien sar min haddiema barranin li ngabu mis-sidien tal-L'ILIADE.

Ix-xoghlijiet ta' tiswija li ghalihom originarjament gie Malta il-*yacht* L'ILIADE kellhom jitlestew sa nofs Ottubru 2006 izda minhabba tiswijiet tal-hsarat li garrab

kagun ta' dan l-incident il-*yacht* lesta mix-xogholijiet fl-20 ta' Dicembru 2006, jigifieri ittardja b'xaharejn.

**It-tiswijiet attwali ghal hsarat kagunati f'dan l-incident hadu mill-11 ta' Novembru sal-20 ta' Dicembru 2006 cioe'40 jum.**

Il-Perit Tekniku il-Kaptan Mario Grech kkonkluda li meta sehh l-incident, il-*yacht* L'ILIADE kien qed marbut ghand Bezzina Ship Repair Yard ghaddej minn tiswijiet. Kien il-Gimgha fil-ghaxija u kemm fuq il-*yacht* kif ukoll fil-Yard ma kien hemm hadd, haga kwazi normalighal dak il-hin tal-gimgha. Mix-xhieda ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet kif kien marbut l-L'ILIADE u li kien marbut b'mod normali u skond il-prattika marittima ghal-post u ghas-sitwazzjoni li kien fiha.

L-incident sehh meta il-vapur ELINOR TH kien qed jinqala minn mal-moll ghal-habta tas-6pm biex isalpa, fejn jew bir-rih jew bil-forza tal-*bow thruster*, jew bil-forza taghhom it-tnejn, il-vapur spicca waqa fuq il-*yacht* L'ILIADE b'certu forza fejn qataghlu ic-cima tal-pruwa u tal-poppa u tefghu fuq il-barkun u ghal fuq il-lanca OCEAN LYNX marbuta fil-vicin. **Ghalhekk it tort tal-incident hu kollu tal-vapur ELINOR TH u dan ma giex innegat minn Paul Attard li hu sid tal-vapur stess.**

Ghar-rigward tad-danni diretti kagun tal-incident, l-Espert Kaptan Grech ghamel referenza ghad-danni mitluba mill-attur li jinsabu fl-Affidavit tieghu (Vide fol. 88 sa 99).

It-tiswijiet tal-hsarat li garrab il-*yacht* kagun tal-incident kienu strutturali u xoghol ta' zebgha, liema xoghol kien jinvolvi li l-*yacht* jidhol il-bacir specjalment minhabba ix-xoghol taz-zebgha.

Rigward ix-xoghol ta tiswija strutturali, jigifieri dak tal-*bow sprite,* tal-*fairlead* u l-betta, tal-partiketta (bulwark), dak ta'maz-zokk il-pruwa, kif ukoll qsim fil-majjieri, kien hemm qbil bejn il-partijiet li dawn kienu rizultat tal-incident.

Fuq xoghol ta'zebgha pero, ma kienx hemm qbil, peress li l-intimat allega li kien hemm xi ftiq ta kumenti ma zaqq il-*yacht* li ma kienux rizultat tal-incident izda kienu

hemm qabel u kienu rizultat ta’xoghol tal-injam gdid fl-gheluq, li sar ftit taz-zmien qabel bhala parti mit-tiswijiet li kien ghaddej bihom il-*yacht* . **Hawnhekk wiehed irid iqis li fuq *yacht* iz-zebgha ma titraqqax bhal ma jsir fuq bastiment merkantili fejn fuq tal-ahhar iz-zebgha tinghataq principarjament biex tnaqqas il-korruzjoni**. L-aspett estetiku li hu importanti hafna specjalment fuq *yacht* tat-tip bhal L’ILIADE li kien jopera u jinkera f’suq ta klassi lussuza u gholja fejn l-aspettattivi tal-klijenti huma gholjin hafna.

Ghaldaqstant f’dan ir-rigward, fix-xoghol ta' zebgha, l-industrija tal-*yachts* specjalment klassici jew dawk tal-categorija *super yachts* jitlob hafna reqqa u dak li fl-industrija huwa msejjah bhala “*yacht finish*”.

Ghalhekk f'dan il-kaz, barra it-tiswija fuq l-injam rizultat tal-hsara li garrab, ix-xoghol ta’ tiswija jitlob ukoll li zaqq il-*yacht* tigi xkatlata u terga tinzebagh kollha sabiex ikollu “*finish*” ta’ zebgha ta livell gholi kif mistenni.

Ix-xogholijet ta' tiswija u zebgha fil-bacir damu ghaddejjin 40 gurnata. Ghalhekk skond r-rakkomandazzjoni tal-manifattur taz-zebgha ta' taht l-ilma peress li l-*yacht* dam hafna barra mill-ilma izjed mill-massimu stipulat ghal din iz-zebgha peress li din titlef mill-effett “*antifouling*” taghha, l-*yacht* kellu jerga jinghata passata zebgha ohra ta' taht l-ilma (*antifouling*). Il-Perit Tekniku il-Kaptan Mario Grech kien tal-fehma li dan kellu jsir u ghalhekk l-ispejjes ta’passata zebgha *antifouling* li ammontaw ghal Lm425(€990), ghandhom jigu inkluza mal-ispejjez kagun ta’dan l-incident.

Rigward it-talba ghal kumpens dwar allegati hsarat interni fis-*saloon* (Dok JF pagna 7 paragrafu 3(Spoll numerata94), dawn ma jirrizultax mix-xhieda li kienu kagun tal-incident u fil-fatt ma jidhrux fir-rapporti kemm tal-Ing Paul Cardona, dak ta' Vincent Muscat kif ukoll f'korrispondenza skambjata bejn L'ILIADE u Bezzina Repair Yard **ghalhekk ma jitqiesux li saru kagun tal-incident.**

Ghalhekk il-kont ta’ Bezzina Ship Repair Yard datat 14 ta’ Dicembru 2006 hu meqjus kollu ghal xogholijiet li ghandom x’jaqsmu mat-tiswija tal-hsara ikkagunata f’dan l-incident, hlief ghal aggustament dovut ghal hlas ta hsara numerata (16) fil-kont li

tammonta ghal LM469.37 (€1093) dwar hsara kagunata fuq mill-*yacht* L'ILIADE fuq il-*yacht* OCEAN LYNX meta dan strah mieghu, **u li din, il-hsarat mix-xhieda, jirrizulta li thallsu direttamentmin Paul Attard lill-Bezzina Ship Repair Yard.**

Ghalhekk l-ispejjez relatati direttament ma tiswijiet ta' hsara ikkagunata f'dan l-incidendent huma dawn li gejjin:

| | |
|---|---|
| Kont Bezzina Repair Yard | Lm 18,367.00 (€42,784) |
| Zebgha *antifouling* | Lm 425.00 (€ 990) |
| Dawl u ilma fil-yard | Lm 73.00 (€ 170) |
| **TOTAL** | **Lm 18.865.00 (€43,944)** |

**DANNI OHRA**

Saret talba mill-attur ghal danni ohra li allegatament huma rizultat ta' dan l-incident. Fost dawn hemm it-talba numru 4 f'Dok JF (Spoll numerata 94) cioe' dawk relatati mal-allogjar tal-ekwipagg l-art, tul iz-zmien izjed li kellu jghamel Malta biex isewwi l-hsarat li garrab f'dan l'incident. Barra mill-kera tal-post, qed imbaghad isiru talbiet ghal ikel, kiri ta' zewg karozzi, pagi u ghoti ta' per diem allowance lill-ekwipagg, kif ukoll spejjez ta' titjiriet tal-ekwipagg biex imorru ghal btala id-dar.

Mill-aspett tekniku ghandu jinghad li hu minnu li minhabba in-natura tat-tiswijiet fuq il-hsara li garrab il-*yacht* , l-ekwipagg ma setghax joqghod abbord u ghalhekk kellu jigi allogjat l-art. Izda l-Perit Tekniku dehrlu li dwar talbiet bhal ta'ikel, hlas ta'pagi u *allowances* ohra dawn xorta wahda riedu isiru. Il-Perit Tekniku di piu' kellu dubbju dwar id-dritt ghal spejjez relatati ma kiri ta' karozzi, u dehrlu li l-argumenti dwar dawn kienu ta' natura legali u kellhom jigu decizi minn din l-Qorti.

Wahda mill-materji li kellha tigi analizzata f'dan ir-rigward, hi x'kien il-kagun tad-dewmien attwali tat-tiswijiet rizultat tal-incident. Skond ix-xhieda ta' Victor Bezzina, ma kienx hemm data fissa biex jitlestew ix-xogholijiet originali li ghalihom L'ILIADE gie Malta biex isewwi. Pero skond il-Kaptan tal-*yacht* Jeroen Frech, qabel sehh l-incident, **kien qed jistenna li jlesti mit-tiswijiet ghal nofs Ottubru 2006**. Rizultat tal-incident u t-tiswijiet addizzjonali tal-hsarat sofferti, il-*yacht* lesta mit-tiswijiet u

halla Bezzina Ship Repair Yard **fl-20 ta' Dicembru 2006, cioe' xharejn wara**. Id-dewmien kien ghalhekk ta’ xaherejn mhux tlett xhur kif qed jallega l-attur. Min dawn ix-xaharejn, it-tiswijiet attwali fuq il-hsarat relatati ma dan l-incident **damu sejrin ghal 40 jum (10 ta’ Novembru sal-20 ta’ Dicembru).**

Hekk imbaghad l-attur qed jallega li d-dewmien kien ta’tlett xhur kien dovut peress li l-*yacht* wasal Toulon fi Franza fis-26 ta’ Jannar 2007 u mhux **ghall-ahhar t’Ottubru jew bidu ta’ Novembru 2006**, Perit Tekniku dehrlu li mix-xhieda jirrizulta li xejn ma zamm il-*yacht* milli jsalpa dirett lejn Toulon fl-20 ta’Dicembru 2006, bil-magna biss, kif kien pjanat qabel u kif fil-fatt sar f’Jannar wara li lesta t-tiswijiet ghand Bezzina Ship Repair Yard fejn **il-*yacht* ghamel xahar Malta wara li spicca mit-tiswijiet**, u ghalhekk dan ix-xhar dewmien zejjed, hu dovut ghall-operat tad-dirigenti tal-*yacht* u mhux kagun tal-incident mal-ELINOR TH.

Wiehed irid iqis ukoll, li l-kwotazzjoni ghat-tiswija li Bezzina Repair Yard ghalkemm ghaddiet ghand L'ILIADE fis-27 ta' Settembru, **giet accettata biss fit-18 t'Ottubru 2006, tlett gimghat wara**, meta l-ewwel data li l-bacir kien dispost li jiehu lil L’ILIADE kienet **fl’10 ta’ Novembru**. Dan qed jinghad peress li l-kaptan Jeroen Frech emfasizza hafna fuq it-telf ta’ kiri sofrut minhabba d-dewmien. Il-Perit Tekniku sostna li minkejja li l-kaptan kien pressat ghal-hin, mill-provi prodotti ma jirrizulta li l-kaptan pprova jsewwi l-hsarat f'Yards ohra biex forsi ilesti qabel, haga li seta ghamel. In fatti, ma gie prezentat l-ebda kuntratt li t-tiswijiet kollha kellhom isiru esklusivament ghand Bezzina Ship Repair Yard, partikularment dawk it-tiswijiet addizzjonali kagun ta’dan l’incident.

Il-fatti huma li ghalkemm il-*yacht* kien qed isewwi ghand Bezzina Ship Repair Yard skond Victor Bezzina stess, l-arrangament kien li ix-xogholijiet kienu responsabbilta tal-*yacht* u l-Yard kellha biss tipprovdi il-facilitajiet, kif fil-fatt sar u fejn mix-xhieda jirrizulta li diversi xogholijiet saru min sub-contractors tal-*yacht* .

Rizultat tad-dewmien tal-*yacht* f’Malta hemm talba ukoll (Spoll pagna numerata 96) ghal vjagg li ghamel il-kaptan tal-*yacht* lejn Franza in konnessjoni mat-tkomplija tat-tiswijiet fuq l-arblu fi Franza wara li jkun spicca it-tiswijiet tieghu Malta. Irid jinghad li skond Jeroen Frech, l-pjan originali dejjem kien, li l-arblu jitwahhal Franza wara li

l-*yacht* ikompli t-tiswijiet tieghu Malta, ghalhekk il-Perit Tekniku ma setghax jifhem kif kienet qed issir talba ghall-ispejjex tat-trip tal-kaptan ghal Franza, izda halla din il-materja legali f'idejn il-Qorti.

Saret talba ukoll (Doc JF -Spoll pagna 97)ghal €1070.10 ghal danni relatati ma hazna tal-arblu fi Franza kif ukoll ghall-ormegg tal-*yacht* f'Toulon. Dwar il-hazna tal-arblu, l-Espert Tekniku dehrlu li kienet ragjonevoli izda hass li l-ammont kellu **jigi aggustat ghal dak il-perjodu ta' dewmien minhabba il-hsarat kagunati bl-incident li ma kellux jaqbez ix-xaharejn.** Dwar l-ormegg, wiehed ried iqis li anke meta jispicca tiswijiet il-*yacht* ma kienx ser jitlaq mill-port u joqghod hemm barra fuq l-ankra, izda kellu jibqa gewwa xi port, fejn id-drittijet tal-port u l-ormegg xorta wahda riedu jigu mhallsa. Dawn id-drittijiet huma ukoll suggetti ghal varjazzjonijiet stagionali kif isir fi kwalunkwe port. Fic-cirkustanzi tad-dewmien attwali kif spjegati fil-paragrafi (34) u (35) tar-relazzjoni tieghu l-Perit Tekniku dehrlu li din il-materja kellha tigi deciza mill-Qorti.

Dwar it-talba ghal danni allegatament soffruti fuq it-tlestija ta' xoghol ta' kisi tad-dverta li kien ghaddej (Vide Doc JF) u li kellu temporanjament jieqaf sabiex id-dverta tinxef, dawn id-danni jikkonsistu fi hlasijiet tal-ekwipagg biex ilahalhu d-dverta bl-ilma helu (3 x 2 =6 manhours). Il-Perit Tekniku kien tal-fehma li kienet ragjonevoli, u hemm ukoll talba ghal 10 ijiem dewmien addizjonali sakemm id-dverta nixfet bizzejjed biex ikun jista' jitkompla x-xoghol ta' kisi. Il-Perit Tekniku kien tal-fehma li l-argumenti f'dan ir-rigward kienu izjed legali milli teknici peress li t-tlestija tal-kisi tad-dverta saret fit-"time window"ta'xogholijiet ohra cioe't-tiswija tal-hsara kagunata fl-incident. Ghalhekk il-Perit Tekniku halla din il-materja ghad-decizjoni tal-Qorti.

Saret talba ukoll ta'bejn €36,968 u €61,643 (Spoll Doc JF pagna 98-99 ghal telf finanzjarju ta' ntrojtu li allegatament soffrew is-sidien tal-L'ILIADE kagun tal-incident.Sinjifikanti hu li l-attur qed jibbaza din it-talba fuq sena hekk imsejha tajba, ta' 100 jum charter, generalment relatati mal-istagun sajfi. Fatturi teknici huma li ghalkemm inghad mill-attur li l-*yacht* fl-istagun tax-xitwa jista' jintuza fil-Bahar l-Ahmar jew fil-Karibew, **ma jirrizultax li kien il-kaz fix-xitwa 2005/2006 u 2006/2007 peress li kienu ippjanati tiswijiet estensivifuq il-*yacht* ,li fil-fatt saru.**

Ghalhekk mix-xhieda jirrizulta, li ndipendenment mill-incident, **l-ewwel stagun ta' xoghol ghall-L'ILIADE** wara li jispicca jsewwi ghand Bezzina Ship Repair Yard **dejjem kellu jkun dak tar-rebbiegha/sajf 2007 Ewropew**. Fil-fatt fis-6 t'Ottubru 2006, cioe' anke qabel accetta l-offerta ta' tiswija ta' Bezzina Ship Repair Yard (fit-18 t'Ottubru 2006) jirrizulta mid-dokumenti esebiti li l-attur iffirma ftehim ghal Charter min Cannes **ghas-16 t'April 2007** (Dok JF37 Spoll panga 158). Mix-xhieda u dokumenti esebiti jirrizulta li din kienet l-ewwel kirja tal-istagun. Barra min hekk il-Perit Tekniku hass li bejn id-data tal-incident cioe' mill-15 ta' Settembru 2006 sal-bidu tal-istagun Ewropew fir-rebbiegha 2007, kien hemm tul ta' zmien bizzejjed biex l-*yacht* jitlesta min kollox inkluz tiwija tal-hsarat imgarrba,u li jkun jista jilqa l-ewwel klijenti tieghu.L-Espert Tekniku pero halla din il-materja ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

**Ikkonsidrat:**

Skont l-insejament pacifiku tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna rigward il-prova peritali:

> *"...ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti m'hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-giudizio dell'arte kif espress mill-perit tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi rragjonevoli. Il-Qorti m'ghandhiex tiskarta l-konkluzjonijiet talespert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika." [App.C.Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat [1967] Vol.LI.I.390; u App.C. Philip Grima v. Carmelo Mamo – 29 Mejju 1998]."*[1]

[1]**Geswalda Caruana vs Francis Xerri**, Qorti tal-Appell Civili deciza 30 ta' Mejju 2014.

Ghalhekk gie ritenut illi l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienetx wahda gusta u korretta.[2]

Fil-kaz odjern, wara li fliet l-atti processwali, din il-Qorti tqis illi l-konkluzjoni tal-peritali hija wahda gusta u korretta, u ghalhekk certament ma tistax tinjorha. Fil-fatt, lanqas l-intimat ma jikkontesta l-konkluzjoni tal-perit tekniku fir-rigward tar-**responsabbilta ghall-incident**, u l-**quantum tad-danni sofferti direttament** minhabba l-incident, u cioe d-**danni relatati mat-tiswija tal-bastiment**.

Il-Qorti tikkondividi u taghmel taghha il-konkluzjoni tal-Perit Tekniku illi l-bastiment intimat MV Elinor TH kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Il-Qorti tikkondividi u taghmel taghha wkoll il-konkluzjoni tal-Perit Tekniku illi l-ispejjez relatati direttament mat-tiswijiet ta' hsara ikkagunata fl-incident mertu ta' dawn il-procedura huma ta' **€43,944**, rapprezentanti il-kont ta' Bezzina Ship Repair Yard (€42,784), passata zebgha *antifouling* (€990) u dawl u ilma fil-yard (€170).

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tikkondra l-quantum tad-danni ulterjuri pretizi mir-rikorrenti noe, u cioe dak li jirrifletti l-kapijiet 3 sa 7 mill-*breakdown* tal-ispejjez u danni sofferti elenaki fl-affidavit tieghu a fol 93 – 99.

Fir-rigward tal-pretensjoni ta' €3,010.36 ghat-tiswija tal-*interior lining* tas-*salon*, il-Qorti ma thossx li din il-pretensjoni hija gustifikata, ghaliex mill-provi ma jirrizultax illi dawn it-tiswijiet huma necessarji ‘l ghaliex ma kienux kawzati mill-impatt jew minn xi hsarat rezultanti fl-incident, kif jirrelata l-Perit Tekniku fir-rapport tieghu f'paragrafu 29.

Fir-rigward tal-pretensjoni ta' danni ghall-akkomadazzjoni, ikel u spejjez ohra inkorsi waqt iz-zmien zejjed li L'Iliade kellu joqghod Malta il-Qorti sejra tqis l-ewwel nett proprju kemm kien dan iz-zmien zejjed li L'Iliade qatta' Malta.

[2] *Ibid.*

Il-Qorti rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, li jirrelata li l-perjodu li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa ta' mhux aktar minn xahrejn. Dan ghaliex, ghalkemm l-incident sehh fil-15 ta' Settembru 2006, Frech xehed li qabel sehh l-incident kien qed jistenna li jitlestew ix-xogholijiet fuq il-*yacht* ghal nofs Ottubru 2006.[3] Ghalhekk anke li kieku ma sehhx l-incident, jidher illi l-pjan kien li **L'Iliade jibqa' Malta sa nofs Ottubru 2006.** Konsegwentement, iz-zmien relevanti ghall-komputazzjoni ta' danni indiretti m'ghandux jibda jidderkorri minn qabel nofs Ottubru 2006. Il-Perit Tekniku irrelata wkoll illi z-zmien relevanti m'ghandux jitqies li waqaf jiddekorri meta l-*yacht* wasal f'Toulon fis-26 ta' Jannae 2006, peress illi mill-provi jirrizulta li xejn ma zamm il-*yacht* milli jsalpa lejn Toulon hekk kif tlestew ix-xogholijiet fuqu, u cioe fl-20 ta' Dicembru 2006.[4]

Inoltre, parte mit-tort ghad-dewmien huwa attribwibli lir-rikorrenti noe, peress illi meta rrizulta li x-xogholijiet ta' tiswija setghu jibdew biss fl-10 ta' Novembru 2006, ma jirrizultax illi r-rikorrent noe prova jsewwi L'Iliade x'imkien iehor fejn ix-xogholijiet ta' tiswija setghu jibdew qabel.[5]

Ghalhekk il-Qorti tqis li l-perjodu relevanti ghal komputazzjoni tad-danni indiretti taht dan il-kap huwa ta' **xahar u ghaxart'ijiem.**

Il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti noe ghal hlas tad-danni rapprezentanti l-ammonti zborsati ghall-akkomodazzjoni tal-*crew* hija gustifkata, u dan fid-dawl tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku, skont liema, minhabba n-natura ta' tiswijiet li kellhom isiru fuq il-*yacht* l-ekwipagg ma setghax joqghod abbord u ghalhekk kellu jigi allogjat l-art.[6] Ghalhekk il-pretensjoni tar-rikorrent noe f'dan ir-rigward hija gustifikata, b'dan illi l-kompuutazzjoni tal-ammont dovut ghandha ssir fuq perjodu ta' xahar u ghaxar't ijiem kif hawn fuq ritenut. Ghalhekk il-quantum ta' danni relattiv ghal akkomdazzjoni tal-ekwipagg huwa fis-somma ta' **€1627.90** (€697.67, ekwivalenti ghal Lm300 ghal xahar u ghaxart'ijiem akkomodazzjoni tal-*iskipper* u €930.23, ekwivalenti ghal Lm400, ghal xahar u ghaxart'ijiem akkomodazzjoni tal-first mate, *deckhand* u day

---

[3]Relazzjoni tal-Perit Tekniku, par. 34, a fol 314.
[4]*Ibid.*, par. 35, a fol 315.
[5]*Ibid.*, par. 36, a fol 316.
[6]*Ibid.*, par. 33, a fol 314.

worker). Jinsabu ukoll gusitfikati il-pretensjonijiet ghal-hlas ta' dawl u ilma u ghal passagg tal-ajru tad-*deckhand*. Dawn jammontaw ghas-somma ta' **€418.60**.

Fir-rigward tad-danni pretizi minhabba l-kiri ta' karozzi ghal ekwipagg, il-Qorti tqis illi dawn l-ispejjez ma kienux relatati mal-incident kif qed jallega r-rikorrent noe ghaliex mir-ricevuti ezebiti jirrizulta **illi kienu diga qed jinkrew karozzi xhur qabel ma sar l-incident,** per ezempju l-ircevuta ezebita a fol 151 tirreferi **ghal Mejju u Gunju 2006. L-ebda ricevuta ezebita ma tirraprezenta l-perjodu bejn l-10 ta' Novembru u l-20 ta' Dicembru 2006**, u ghalhekk din il-pretesjoni, flimkien mal-pretensjoni relatata ghal fuel uzat minn dawn il-karozzi ma tistax tintlaqa'.

Ghar-rigward tal-ikel, u l-pagi tal-ekwipagg, il-Qorti tqis illi dawn il-pretensjonijiet ukoll m'humiex fondati peress li dawn kienu jkunu dovuti lil haddiema independentement mill-incident. Galadarba m'hemmx ness bejn dawn l-ispejjez u l-incident mertu ta' din il-kawza, l-pretensjonijiet tar-rikorrenti noe huma nfondati.

Fir-rigward tal-ispejjez inkorsi sabiex l-*iskipper* imur Franza biex jaghmel l-arrangament relattivi ghal bqija tar-refit, il-Qorti tqis illi hemm ness bizzejjed bejn l-incident in kwistjoni u dawn l-ispejjez. Ir-rikorrent noe, fl-affidavit tieghu a fol 96, jispjega illi kien gie pjanat li dawn l-arrangamenti jisru meta L'Iliade tkun diga qieghda Franza, cioe ghal habta tal-ahhar ta' Ottubru, sabiex b'hekk l-*iskipper* ikun hemmhekk flimkien mal-*yacht* u ma jkunx hemm bzonn jigu nkorsi spejjez zejda ghat-titjira u l-akkomodazzjoni tieghu, Pero, minhabba li sehh l-incident L'Iliade kien ghadu Malta dak iz-zmien, u anke li kieku r-rikorrent ha L'Iliade ghand xi hadd iehor biex it-tiswijiet jibdew aktar kmieni minn meta setghu jibdew ghand Bezzina Ship Yard Repairs, xorta wahda ma jidhirx realistikament illi x-xogholijiet setghu ikunu lesti u l-*yacht* ikun fizikament fi Franza sa l-ahhar ta' Ottubru. Il-Qorti ghalhekk tqis li l-ammont dovut f'dan ir-rigward huwa ta' **€839.60.**[7]

Fir-rigward tal-"*Extra costs because of the delay*" elenkati fl-affidavit tar-rikorrent noe a fol 96 – 97, il-Qorti tqis illi l-pretensjoni fir-rigward tal-ormegg f'Toulon m'humiex gustifikati stante illi, kif diga ritenut aktar il-fuq, id-dewmien attribwibbli ghall-incident in kwistjoni m'huwiex ta' tliet xhur izda ta' xahar u ghaxart' ijiem. Dan

[7]Il-Qorti m'hijiex qed tikkonsidra l-ispejjez relatati mat-titjira tal-*partner* tal-*iskipper*, li ma jidhirx li kienet parti milli arrangament ghar-refit tal-*yacht*.

specjalment meta ma jirrizultax li kien hemm xi raguni valida ghaliex il-bastiment dam ma wasal Toulon sas-26 ta' Jannar 2007, meta x-xogholijiet fuqu kienu ilhom li lesti mill-**20 ta' Dicembru 2006**. Fir-rigward tal-hazna tal-arblu pero, l-Qorti tqis li din il-pretensjoni hija gustifikata, salv li l-ammont dovut ghandu jigi korrett sabiex jirrifletti d-dewmien attribwibbli ghal incident in kwistjoni. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-ammont dovut lir-rikorrent noe ghal-hazna tal-arblu huwa ta' **€393.44.**

Fir-rigward tas-somma reklamata ta' €11,000 rapprezentanti qliegh illi r-rikorrent noe kien ser jaghmel minn *chartering* ta' L'Iliade f'Marzu 2007 li kellu jigi kkancellat, il-Qorti qieset il-konkluzjoni tal-Perit Tekniku illi d-dewmien kollu allegat mir-rikorrent noe m'huwiex attribwibli ghall-incident in kwistjoni, peress illi t-tiswijiet damu ma bdew isiru, u L'Iliade dam Malta ghal xi xahar wara li tlestew ix-xogholijiet fuqu. Fil-fatt, kif gie ritenut aktar il-fuq, id-dewmien attribwibbli ghall-incident de quo huwa ta' xahar u ghaxart'ijiem. Ghalhekk il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-abbli Perit Tekniku illi bejn id-data tal-incident sal bidu tal-istagun Ewropew fir-rebbiegha 2007 kien hemm bizzejjed zmien sabiex il-*yacht* jitlesta minn kollox, inkluz it-tiswija ghal hsarat imgarrba. Ghalhekk il-Qorti tqis li din il-pretensjoni hija infondata.

Finalment, ghar-rigward ta' telf ta' qliegh allegat mir-rikorrent noe, il-Qorti rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku skont x-xhieda rakkolta irrizulta li independentement mill-incident, l-ewwel stagun ta' xoghol ghal L'Iliade wara li tlesta x-xoghol kollu ippjanat, **kien l-istagun tar-rebbiegha/sajf Ewropew 2007**. Il-Perit irrelata illi mid-data ta' meta sar l-incident sa dan l-istagun kien hemm zmien ampju sabiex jitlesta x-xoghol kollu li kien hemm bzonn fuq il-*yacht*, inkluz it-tiswija tal-hsara li saret kagun tal-incident in kwistjoni tigi msewwija, jitlesta fil-hin. Barra minn hekk huwa relevanti wkoll illi r-rikorrent noe **ma prezenta l-ebda *charter agreements* qabel Marzu 2007 li kellhom jigu kancellati minhabba d-dewmien zejjed kagunat mill-incident de quo**. Ghalhekk din il-pretensjoni ma tirrizultax gusitfikata.

Tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti tqis li l-ammont dovut lir-rikorrent noe bhala danni indiretti huwa ta' **€3,279.54.**

**Ikkonsidrat:**

Illi l-intimat jikkontendi illi m'ghandux ikun ikkundanat ihallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri peress illi huwa ried ihallas izda l-ammont kien ezagerat. Jirrizulta pero li l-ammont li ried ihallas l-intimat kien ferm aktar baxx mill-ammont anke ta' danni diretti sofferti mir-rikorrent noe. Barra minn hekk, mhux talli huwa ma ddepozita l-ebda somma taht l-awtorita tal-Qorti, imqar wara l-prezentata tar-rapport tal-perit tekniku, izda talli f'dawn il-proceduri huwa cahad illi l-incident in kwistjoni kien kompletament responsabbilta tieghu, li wessa aktar l-iskop ta' dawn il-proceduri, lil 'hinn minn semplici proceduri ta' likwidazzjoni ta' danni kif qisu qed jippretendi f'din l-eccezzjoni. Ghalhekk il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni hija ghal kollox infondata.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-bastiment intimat, tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent noe, tiddikjara illi l-bastiment intimat huwa responsabbli ghall-incident tal-15 ta' Settembru 2006 u ghad-danni kagunati lir-rikorrent noe konsegwenza tal-istess incident; tillikwida d-danni sofferti fis-somma ta' **€47,223.54,** u tikkundana lill-bastiment intimata sabiex ihallas l-ammont hekk likwidat, bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-bastiment intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**